Minuti tat-23 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 2 ta' Frar, 2011. Il-laqgha nbdiet hin 17.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-22 laqgha.

1.1 Il-Minuti tat-22 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar xoghol ta' patching mehtieg li jsir fl-Gharb. Il-Kunsill iddiskuta b'mod partikolari xi hofor fi Triq Trux u fi Triq Frenc ta' l-Gharb. Dwar materjal li ghandu jintuza biex jissewwew il-hofor, il-Kunsill qabel dwar hot asphalt, ramel imhallat bic-cement jew asphalt tax-xkejjer.

## 2. Offerti PPP Road Resurfacing, Restawr ta' Nicec u PPP Library.

### 2.1 Offerti PPP Road Resurfacing.

Giet trattata l-offerta wahda li giet sottomessa minn Gatt Tarmac Ltd. u li din qabzet ferm il-budget. Gie spjegat illi t-tenderers intalbu jikkwutaw ghal zewg ghazliet li huma hlas fuq sentejn jew inkella hlas fuq 8 snin. Is-Sindku ppropona illi jigi kkuntattjat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tinghata linja gwida ta' kif ghandu jipprocedi. Il-Kunsill qabel unanimament.

### 2.2 Offerta PPP Librerija.

Gie spjegat illi ma giet sottomessa l-ebda offerta.

### 2.3 Restawr ta' Nicec.

Gew sottomessi zewg offerti minn Rudolph Cauchi u Joe Grima. Il-Kunsill qabel ma l-irhas offerta dik ta' Rudolph Cauchi ghall prezz ta' €8000.00 skond il-budget disponibbli u li dan ghandu jigi inkarigat jibda x-xogholijiet.

2.4 Is-Sindku spjega illi x-xogholijiet fi Triq il-Madonna tal-Virtu huma wieqfa peress illi l-kuntrattur ma jridx jibda dan ix-xoghol qabel ma tkun konkluza Triq il-Knisja. Saret diskussjoni dwar il-kanal tal-ilma fi Triq il-Madonna tal-Virtu' fejn il-Kunsill qabel li tintalab ghajnuna lill-Ministeru ghal Ghawdex ghar-rikostruzzjoni tieghu.

2.5 Il-Kunsill qabel illi Triq il-Knisja u l-Pjazza huma ta' priorita' u ghandhom ikunu fil-priorita' tax-xogholijiet ghall-2011.

## 3. Performance Bonuses.

**3.1** Il-Kunsill approva il-hlas ta' performance bonus lis-Segretarju Ezekuttiv u skrivana tal-Kunsill ta' 10% u 6% rispettivament. Skond il-proveddimenti ta' Memo 151/2010, l-appraisal report tas-Segretarju Ezekuttiv issa ser jintbaghat lid-Direttur Dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-approvazzjoni tieghu.

## 4. Xogholijiet tal-WSC f'Wied il-Mielah.

4.1 Gie spjegat illi x-xogholijiet qed jigu maghluqa. Mill-borehole 'il fuq lejn Triq il-Blata qed isir bit-tarmak. Raymond Cassar staqsa dwar il-culvert hdejn il-monument. Is-Sindku spjega illi l-WSC ghadhom mhux decizi jekk dan hux ser jinghalaq jew le. Sal-bini ser isir taht l-art, ser jinghata t-tarmak u ser ikollu gutter fil-gnub biex ma jitlax haxix hazin.

4.2 Is-Sindku sjega illi fil-jiem li gejjin ghandu jibda x-xoghol fuq ir-rampa li minna jghaddu diversi bdiewa fosthom il-familji Caruana. Gie spjegat illi l-WSC ghalqet nofs il-Wied u ghalhekk ma tistax issir applikazzjoni ghall-pont f'dan l-istadju.

## 5. Aggornament dwar progetti u xogholijiet ohra.

5.1 Gie spjegat illi l-playing field fi Triq Tumas Cassar wasal fl-istadju li jinghata l-wicc u tigi stallata l-ghamara u playing equipment. Is-Sindku spjega illi c-caghaq li issemma fil-laqgha precedenti jiswa' hafna flus u ghalhekk jipproponi li jitpogga safety tiles taht il-bandla, filwaqt li fuq l-area l-ohra ghandu jitpogga bicciet tal-injam marsh. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill iddiskuta u approva il-pjan tat-tpoggija tal-apparat, dwal u ghamara inkluz bankijiet. Il-Kunsill qabel ukoll illi dawn ghandhom jintghazlu mix-xelta li kien hemm fl-offerti mitfugha fis-sejha ghall-offerti Ten01/10. Manuel Muscat ippropona illi d-dwal barra u gewwa ikunu jinxteghlu minn switches separati.

5.2 Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar l-embellishment tal-belveder. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru dwal gewwa l-hitan ezistenti li jiccirkundaw il-belverer, tigi stallata gazibo u bankijiet, isiru balavostri tal-gebel minn Anthony Spiteri fil-parti fejn hemm dizlivell, kif ukoll isir tarag u isirlu railing. Il-Kunsill qabel illi s-shafts li fil-prezent jinsabu miftuha ghanhom ikunu maghluqa bil-hgieg biex wiehed ikun jista' jghaddi minn fuqhom. Is-Sindku spjega illi ittiehed il-parir tal-Perit Carmelo Borg li irrakkomanda illi hgieg ghandu jkun 1inch structured glass. Raymond Cassar ippropona illi dawn ghandhom jinksew bi steel mesh biex ma jkunux jistghu jigu vandalizzati. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ghandu jsir catt mal-art sabiex ma jkunx ta' periklu. Il-Kunsill qabel illi ghandha ssir rampa biex taghti access ghall-belveder ghal persuni b'dizabilita'.

5.3 Is-Sindku ppropona illi ghandhom isiru galleriji fi Triq Tumas Cassar li jharsu fuq il-gnien. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4 Raymond Cassar ippropona illi f'din it-triq jigu mwessgha il-bankini matul it-triq kollha. Is-Sindku spjega illi l-priorita' f'dan il-mument hija z-zona li qed tkun *embellished*.

5.5 Is-Sindku spjega illi huwa talab lill Wasteserv biex jipprovdu il-flakes tal-injam ghal taht is-see saw. Spjega wkoll illi talab lid-Dipartiment tal-Agrikultura jiex jipprovdu u jhawwlu is-sigar.

5.6 Dwar il-manutenzjoni tal-gnien, il-Kunsill qabel li ghandha tohrog offerta. Manuel Muscat ippropona illi jigu ikkuntattjati ELC, il-kumpanija li tiehu hsieb is-soft areas gewwa Malta.

**6. Karnival u Seher il-Punent 2011.**

6.1 Is-Sindku spjega illi wara li gie mhejji l-programm tal-Karnival, kif diskuss fil-laqgha precedenti, in-nefqa ser tkun fir-regjun ta' €2400. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita' Seher il-Punent 2011. Gie diskuss il-fatt li l-Kunsill ser ikun qed jinghata €7000 ghal din l-attivita' mill-fond tal-attivitajiet kulturali kif ukoll ikun hemm xi ghajnuna mill-Ministeru ghal Ghawdex, izda jrid ikun hemm allokazzjoni ta' mill-inqas €5000 mill-Kunsill biex ikun jista' jitfassal programm tajjeb. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.3 Il-Kunsill qabel li l-loghba tat-tug of war u l-attivita' tal-muturi li nzammu waqt Seher il-Punent 2010 ghandhom jergghu isiru u ghalhekk jistghu jibdew il-preparamenti ghalihom.

**7. Skeda ta' pagamenti.**

7.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**8. Korrispondenza u materji ohra.**

8.1 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni prezenti ta' progetti EU li jinsabu fil-process ta' applikazzjoni, aprovazzjoni jew twettiq. Gie spjegat li gie approvat il-progett Out of the Blue li ghandu bhala *lead partner* il-Kunsill ta' Sciacca gewwa Sqallija u li l-ghan tieghu huwa li jippromwovi it-turizmu bejn Malta u Sqallija. Il-Kunsill Lokali Gharb huwa wiehed mill-partners Maltin f'dan il-progett flimkien mal-Malta Tourism Society u l-Maltese Italian Chamber of Commerce. Il-Kunsill qabel unanimament li jiehu sehem f'dan il-progett.

8.2 Fir-rigward tal-progett Gharb's cultural and touristic conservation project taht Mizura 323 gie spjegat illi l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni tal-MRRA sabiex il-fees professjonali ta' 'management u technical consultancy' ikunu jistghu jithallsu mill-progett. Hekk kif il-Kunsill ikollu din l-approvazzjoni ikun jista' jipprocedi bil-hrug tat-offerti.

8.3 Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-Progett ERDF232 – *Working towards a sustainable future* – Gharb LC giet trattata l-ittra mill-Kumitat tal-Ghazla tal-Progetti dwar xi kjarifici mitluba u li jridu jigu sottomessi sa 08/02/11 fejn gie spjegat x'azzjonijiet qed jittiehdu f'dan ir-rigward.

8.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar applikazzjonijiet ghal-finanzjament li gew sottomessi taht l-iskema Eco-Gozo imnedija mill-Ministeru ghal Ghawdex. Gie spjegat illi l-applikazzjonijiet sottomessi huma ghal-child care centre fi hdan ic-centru civiku u mezz elettriku ta' trasportazzjoni.

8.5 Dwar ic-centru civiku gie spjegat illi l-Perit qed jaghmel l-emendi mehtiega fil-permess tal-MEPA biex jirriflettu t-tibdil li ser ikun hemm minhabba l-ispazju tal-Maltapost li mhux ser ikun jifforma parti mic-centru civiku.

8.6 Lisa Marie Brooke staqsiet dwar l-amministrazzjoni tac-child care centre. Is-Sindku spjega illi fil-passat kienet harget sejha ghal persuni interessati li jahdmu fic-centru pero ikun jinhtieg illi tinhareg sejha ohra.

8.7 Il-Kunsill qabel illi ghandu jitkompla x-xoghol fuq fazi ohra tal-kostruzzjoni tac-centru civiku billi jsir ix-xoghol tal-pedamenti fil-btiehi tal-Kunsill.

8.8 Is-Sindku spjega illi giet approvata it-talba tal-Kunsill ghal €13,000 sabiex issir ir-rampa biex taghti accessibilita' lill-Kunsill mill-iskema tal-accessibilita' 2010. Il-Kunsill qabel illi ghandha tohrog l-offerta relatata li tkun tinkludi wkoll it-tisbih taz-zona fejn ser issir ir-rampa.

8.9 Il-Kunsill qabel unanimament illi f'kollaborazzjoni mal-Iskola Primarja Karmni Grima ghandu jhejji publikazzjoni biex tfakkar il-50 anniverarju mit-twaqqif tal-iskola.

8.10 Il-Kunsill irrefera ghall-*management agreement* bejn l-Iskola Primarja Karmni Grima u l-Kunsill dwar titjib fis-sala tal-iskola u l-facilita' tal-uzu taghha mill-Kunsill u NGOs lokali. Il-Kunsill qabel illi wara li bhala parti minn dan il-ftehim saru l-blinds tal-sala, ghandu jinxtara professional cooker ghall-uzu fis-sala.

8.11 Is-Sindku tkellem dwar il-Local Action Group ta' Ghawdex u dwar il-formazzjoni tieghu u spjega illi l-LAG ser ikun qed jimmanigja fondi minn Mizura 313 u li ser ikun hemm l-applikazzjonijiet ghalihom. Is-Sindku ppropona illi jsir *downsizing* tal-progett tal-isports campus sabiex jinkludi underground parking u ground tal-futbol fuqu u ssir applikazzjoni ghalih. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.12 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:

8.13 Minghand Bird Life Malta fir-rigward ta' Progett ta' l-EU Life fir-rigward ta' Migrazzjoni ta' Ghasafar u Insib fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jorganizza laqgha ghan-nassaba tal-lokalita' ta' l-Gharb. Il-Kunsill ma accettax din il-proposta u innota li din mhijiex xi haga li taqa' taht ir-responsabilita' tieghu.

8.14 Minghand 240 Ltd fir-rigward ta' introduzzjoni tal-kumpanija u tas-servizzi li huma joffru.

8.15 Mill-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika stedina ghal djalogu pubbliku fir-rigward tal-proposta ta' mina taht qiegh il-bahar biex tghaqqad lil Ghawdex ma' Malta.

8.16 Mill-Gozo Bird Breeders Society fir-rigward tal-wirja annwali. Il-Kunsill qabel li jipprezenta trofew lill-membru mil-lokalita' li jkun dahhal l-aktar ghasafar.

8.17 Mill-Moviment Azzjoni Socjali fir-rigward ta' kors fl-Immaniggjar tal-hin.

8.18 Mill-MEPA:-
Avviz ta' Infurzar ECF 09/11, ECF539/10
Approvazzjoni ta' l-Applikazzjoni PA2401/09 – San Dimitri Chapel – EU funded project to restore chapel.
Request for Bank Guarantee – San Dimitri Chapel – EU Funded project to restore chapel. Gie spjegat illi l-MEPA naqqset il-garanzija imposta fuq dan il-permess ghal €2300 izda ghamlet kundizzjoni li jrid ikun hemm impjegat tal-MEPA fuq is-sit waqt ix-xogholijiet u li dan ghandu jkun imhallas mill-Kunsill. Gie spjegat illi l-Perit jinsab f'kuntatt mal-MEPA sabiex jara kemm huwa l-hlas ta' dan l-impjegat. Il-Kunsill qabel li jekk ikun possibbli ahjar tithallas garanzija bankarja akbar milli jigi mhallas l-impjegat.
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA05180/10 u PA3857/10
Kopja ta' Decizjoni – PA6211/08

8.19 Invit mill-Moviment ta' Kana ghas-serata Premju Familja Qalb tad-Deheb. Il-Kunsill qabel li jipprezenta tifkira lill-familja mill-Gharb li rebhet dan il-premju kif ukoll il-Kunsilliera personalment ser jaghtu rigal.

8.20 Invit minghand Dar Guzeppa Debono fl-okkazjoni ta' Jum il-Hajja.

8.21 Ilment minghand is-Sur David Canter fir-rigward ta' hofra li saret fi Triq Mongur meta tnehha *sleeping policeman*.

8.22 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward ta' Memo 95/2010 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011 fejn il-Kunsill gie infurmat illi l-Kunsill ser ikun qed jinghata €7000 ghal Seher il-Punent 2011.

8.23 Giet diskussa l-pjanta tal-playing field li qed jinbena fi Triq Tumas Cassar.

8.24 Minghand Johnny Xuereb li qed jinforma lill-Kunsill li mhux interessat li jestendi l-Kuntratt tal-Manutenzjoni ta' soft areas u talab li tigi ritornata lura il-garanzija. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.25 Is-Sindku spjega illi hemm post privat li ser jinhatt fejn is-sid qed joffri il-gebel tieghu lill-Kunsill minghajr hlas sabiex ikun jista' jintuza f'xogholijiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jaccetta dan il-gebel.

8.26 Is-Sindku ppropona illi ghandu jakkwista ritratti ta' personalitajiet mill-Gharb, persuni li kienu rikonoxxuti bi Premju Gharb matul is-snin sabiex dawn ikunu jistghu jehlu fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jibda jahseb biex jigbor dawn ir-ritratti.

8.27 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu laqgha ma Rev. Joseph Bezzina dwar il-proposti diskussi fil-laqgha precedenti dwar tismija ta' triq ghall-Isqof Cauchi. Gie spjegat illi t-talba tal-Kunsill intbaghtet lill-Ministru Mifsud Bonnici peress li huwa bdil ta' isem ezistenti, li min naha tieghu irrefera t-talba lill-kumitat apposta. Sadanittant gie spjegat illi l-kumitat tal-ismijiet tat-toroq kellhom proposta illi Triq Gdida fi Triq Dun Alwig Mizzi tissemma ghall-Isqof Cauchi u li l-bust ghandu jsir fil-pjazza minflok fi Triq l-Gharb. Is-Sindku spjega illi s-Santwarju Nazzjonali ta' Pinu ghandhom il-hsieb illi jaghmlu Monument ta' Pinu hdejn is-sigra ta' Pinu bhala parti mill-hsieb illi t-triq mis-sigra ta' Pinu 'l gewwa tkun ta' thejjija spiritwali ghall-pellegrini. Gie spjegat ukoll illi l-Arcipriet ippropona illi l-bust tal-Isqof ghandu jsir wara l-Knisja ihares lejn Triq Virtu'.

8.28 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-proposta ta' monument tal-gwerra u lapida ta' nies mill-Gharb li mietu fi tragedja.

8.29 Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt tas-servizz tal-open-skip ghandu jigi mgedded u li t-tipping fees ghandhom jithallsu direttament lill Wasteserv.

8.30 Gie spjegat illi l-prezentazzjoni tal-Premju tal-Intrapriza lill-Kunsill mill-Onor. Dr Chris Said giet posposta u ser issir ser nhar it-8 ta' Frar.

8.31 Is-Sindku spjega illi Green MT ser ikunu qed ivaraw l-Eco-councillors mill-Gharb, data ghadha trid tithabbar.

8.32 Is-Sindku irrefera ghall-hadid tat-tined li kienu moghtija lill-Kunsill mid-Dipartiment tal-Kultura fejn gie spjegat illi dawn iridu xi haga taghhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi ordnat il-canvas/plastik ghall-gnub tat-tined sabiex dawn ikunu jistghu jintuzaw fl-attivitajiet tal-Kunsill.

8.33 Manuel Muscat staqsa dwar il-possibilita' li tkun ippublikata lista' ta' persuni li ma vvutawx fir-referendum dwar il-Kmamar tan-nar fl-Gharb. Is-Sindku spjega illi ittiehed parir mill-Ufficju Elettorali dwar din il-materja u saret referenza ghar-risposta moghtija. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel illi din l-informazzjoni m'ghandhiex tkun ippublikata u li l-informazzjoni li kienet issigillata dakinhar tar-referendum mill-Ufficjali inkarigati ghandha tinzamm fil-Kunsill.

8.34 Il-laqgha spiccat hin 8.00pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv